MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 567/2001/1

**Aldo Saliba**

**v.**

**Avukat Generali ghall-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Aldo Saliba, minnu pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' April 2001, li jaqra hekk:
"Illi kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali (Dokument "A" anness) tat-8 ta' Jannar, 2001, l-esponenti flimkien ma' ko-akkużati oħra, fuq ammissjoni ġie misjub ħati tal-

akkużi dedotti kontrih, reati kontemplati fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101, ġie kkundannat piena karċerarja u pekunjarja, u inoltre l-Qorti ordnat il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

“Illi fost l-oġġetti esebiti hemm is-segwenti, li huma proprjeta` tal-esponenti:-

“1. Ford Transit EBB-751
“2. Speedboat S 12721 u l-karru tagħha
“3. Mobile phone

“Illi kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-oġġetti fuq imsemmija nxtraw mill-esponenti, bi flusu, u ma kinux rikavat ta’ xi profitt minn għemil doluż ta’ xi reat taħt l-Ordinanza.

“Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett, li in vista tal-premess, dina l-Qorti jogħġobha;

“1. tiddikjara li l-oġġetti fuq imsemmija, konfiskati bis-sentenza tal-Qorti Kriminali fuq ċitata, huma proprjeta` tiegħu, u ma nxtrawx bi profitt jew dħul mir-reati kontemplati fil-Kap 101;

“2. konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska mogħti bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta’ Jannar, 2001, fuq imsemmija; u

“3. tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun biex l-esponenti jerġa’ jiġi formalment rikonuxxut il-leġittimu proprjetarju.

“Bl-ispejjeż.”

Rat ir-risposta tal-intimat (fol. 10) li in forza taghha eccepixxa illi;
“Illi r-rikors promotur jikkontjeni ħafna allegazzjonijiet rigward il-provenjenza tal-flus li bihom allegatament ir-rikorrenti xtara l-proprjeta` konfiskata.

"Iżda dawn jibqgħu biss allegazzjonijiet in kwantu mentri l-liġi tipprovdi li r-rikorrenti għandu b'sostenn tat-talba tiegħu jehmeż mar-rikors id-dokumenti kollha produċibbli u għandu jagħti l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun fi ħsiebu jġib u jgħid dwar kull wieħed il-prova li jkunu bi ħsiebu jagħmel, minn dan kollu r-rikorrent m'għamel xejn.

"Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti in kwantu l-oġġetti kollha konfiskati in forza tas-sentenza msemmija nxtraw minn profitti jew dħul mill-għemil ta' reat taħt il-Kap. 101.

"Salv risposti oħra ulterjuri permessi mil-liġi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi;
"… … … tilqa' t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-Vettura Ford Transit EBB-751 iżda tiċħad it-talbiet tiegħu fir-rigward tal-*mobile phone* u *speed boat* indikati fir-rikors. L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mir-rikorrenti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi r-rikorrenti qed jitlob ir-rilaxx tal-proprjetajiet tiegħu imsemmija wara li dawn ġew konfiskata mill-Pulizija in segwiti għal proċeduri kriminali li kienu saru fil-konfront tiegħu. Huwa kien ammetta l-akkużi u ġie kundannat permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2001.

"Il-proċeduri odjerni għalhekk qed isiru ai termini tal-Kapitlu 101 tal-liġijiet ta' Malta.

"Ir-rikorrent kien xehed fit-8 ta' Novembru, 2001 fejn qal li l-vettura Transit kien xtrah missieru għax-xogħol tiegħu bħala *electrician* fl-1994 jew 1995 u billi mbagħad dan kien traskurah, ħadu f'idejh u rranġa a spejjeż tiegħu. L-i*speed boat* ordnaha f'Marzu 1997 u ġiet f'idejh f'Lulju 1997 bi flusu u bi flus li sellfuh tal-familja. Fiż-żmien li xtraha ma kienx impjegat iżda għandu liċenzja ta' *electrician* u kien jaħdem bħala tali. Ir-rappresentant tal-

Enemalta Joseph Zammit esebixxa numru ta' applikazzjonijiet li saru mir-rikorrenti biex jagħmel xi xogħlijiet bhala *electrician* billi kull stallazzjoni tal-elettriku teħtieġ il-permess da parti tal-korporazzjoni msemmija.

"Ir-rikorrenti kien ammetta mal-pulizija l-involviment tiegħu fit-traffikar tad-droga u ammetta l-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Mid-deposizzjoni ta' PC Nikolai Borg jirriżulta li dan kien jara lir-rikorenti jirmonka l-i*speed boat* bit-transit.

"Il-liġi msemmija tagħti fakulta` permezz tal-Artiklu 22Ċ lill-*persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija fil-paragrafu (d) tal-artiklu 22 3A* biex *tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi* proprjeta` *jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profit jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza, lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament minn jew peremzz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*

"Il-Qorti tirrileva li f'każ bhal dan huwa r-rikorrenti illi għandu jipprova dak li qed jallega u cioe` li l-proprjeta` konfiskata mhux derivanti mill-attivita' kriminali in kwistjoni. Naturalment billi f'dan il-każ ir-rikorrenti hija l-persuna misjuba ħatja irid jipprova li xtraha minn mezzi independenti mill-attivita' kriminali.

"Il-Qorti tħoss li għandha tagħti ġudizzju differenti fuq kull proprjeta` imsemmija fir-rikors. Fir-rigward tat-transit jidher li r-rikorrenti kien akkwistah mingħand missieru u dan qabel ma kien hemm it-traffikar u ma jidhirx li r-rikorrenti nefaq flus biex jakkwistah. Iżda l-Qorti taqbel mal-intimati li bil-qligħ li kien jagħmel ir-rikorrenti minn xogħol sporadiku ta' *electrician* ma setax ikollu mezzi biex jakkwista *speed boat*. Anzi jidher li kien xtraha proprju biex jibda jagħmel it-traffikar tad-droga u ħallas depositu fil-bidu u kien ċertament jiffinanzja l-pagamenti sussegwenti b'din l-attivita' kriminali. Il-Qorti tirravisa ukoll li kienet il-*corpus delicti* prinċipali fil-kawża kriminali (artiklu 22 (3A) (ċ) tal-Kapitlu 101.

“Fuq il-*mobile phone* ir-rikorrenti stess xehed li ma kienx tiegħu u għalhekk ma għandu ebda interess ġuridiku jagħmel it-talba għar-ritorn tiegħu.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
“… … … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Marzu 2007, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kienet laqghet it-talba tar-rikorrent ghar-revoka tal-ordni tal-konfiska tal-vettura Ford Transit EBB-751, u tipprovdi minflok billi tichad din l-istess talba, tikkonfermaha ghall-kumplament u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.”

Rat ir-risposta tal-appell tar-rikorrent Aldo Saliba li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi kkonfermata *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta’ April 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Dawn huma proceduri li ttiehdu wara proceduri kriminali li nfethu kontra Aldo Saliba, Alex Saliba u Carmel Saliba, fost ohrajn, fuq importazzjoni, pussess u traffikar tad-droga bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.  B’sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta’ Jannar, 2001, l-imsemmija tlett persuni nstabu hatja (bhala principal u/jew assocjati) tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u dan wara l-ammissjoni tal-persuni akkuzati.

Il-Qorti, apparti li imponiet il-piena li dehrilha kienet meqjusa fic-cirkostanzi tal-kaz, ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti fit-termini tal-Artikolu 22(3A)(c) u (d) tal-istess Kap. 101.  Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

“(3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 24A il-qorti ghandha, b’zieda ma’ kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f’kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –

“(c) bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u tal-Ordinanza tad-Dwana, taghmel ordni li bih id-dispozizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) ta’ dan is-subartikolu jigu applikati *mutatis mutandis* ghal jew dwar xi bicca tal-bahar jew vettura, f’Malta jew f’xi post barra minn Malta, uzata biex tinzamm jew tinhazen, jew biex tinbiegh jew tigi traffikata dik il-medicina; u

“(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta.”

Ir-rikorrent f’dawn il-proceduri qed jitlob li l-ordni ta’ konfiska, in kwantu tolqot oggetti indikati fl-att promotorju, tigi mhassra, u dan fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 22C tal-istess Kap. 101, fis-sens li gej:
“22C. (1) Meta jkun sar ordni ta’ konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) tal-artikolu 22 ta’ din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f’dak il-paragrafu, tista’ tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-ghemil ta’ xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawk.

“(2) Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b’rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li

fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva.

"(3) Ir-rikorrent ghandu b'sostenn ghat-talba tieghu, jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha li hu jkun jista' jipproduci u ghandu jaghti fir-rikors tieghu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi hsiebu jgib, fejn ighid dwar kull wiehed il-prova li jkun bi hsiebu jaghmel."

L-oneru tal-prova, dejjem sal-grad ta' probabbilita`, hu mixhut fuq ir-rikorrent li ghandu dmir jipprova li l-oggett minnu indikat ma jkunx rizultat tar-reat li tahtu jkun instab hati l-akkuzat, u dan kif spjegat fl-istess ligi. Mhux daqshekk importanti lil min jappartjeni l-oggett partikolari, izda dak li jrid jigi muri hu li l-oggett bl-ebda mod, la direttament jew indirettament, ma ghandu xi forma ta' konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta' dak ir-reat.

Issa, f'dan il-kaz, ir-rikorrent talab li jinghata lura (i) Ford Transit numru EBB-751 (ii) speedboat numru S12721 u l-karru taghha; u (iii) mobile phone.

L-ewwel Qorti illiberat mill-ordni tal-konfiska il-Ford Transit, izda cahdet it-talba tar-rikorrent fil-konfront tal-oggetti l-ohra, wara li qieset li r-rikorrent akkwista l-vettura minghand missieru qabel ma kien hemm it-traffikar.

Ir-rikorrent baqa' sokkombenti dwar ic-cahda tat-talba tieghu ghar-revoka tal-ordni tal-konfiska fil-konfront tal-ispeedboat u l-karru taghha, u l-mobile phone, pero`, l-intimat Avukat Generali appella kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tillibera l-Ford Transit.

Din il-Qorti taqbel mal-aggravju tal-intimat appellant, peress li jirrizulta li din il-vettura giet konfiskata a bazi tal-Artikolu 22(3A)(c) tal-Kap. 101 imsemmi, u l-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali. Tal-ewwel jipprovdi ghall-konfiska ta' vetturi uzata biex "tigi traffikata" id-droga, waqt li l-artikolu tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghall-konfiska "tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt".

Jirrizulta mill-provi li dan l-oggett intuza regolarment sabiex igorr u jirmonka d-dghajsa li kienet tintuza sabiex iddahhal id-droga f'Malta bil-konsegwenza allura li dan il-vann kien strumentali sabiex jiffacilita t-twettiq tar-reat. Dan kollu jirrizulta mix-xhieda tas-Supt Harrison a fol. 60 tal-process, minn ritratt anness mal-istess xhieda, u mix-xhieda ta' PC 213 Nikolai Borg fl-atti tal-kawza. Din il-konfiska saret bhala piena li mhux rimedjabbli fit-termini tal-Artikolu 22C tal-istess ligi, u kwindi l-ordni ta' konfiska ma tistax tigi revokata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimat billi tilqa' l-istess, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tirrevokaha biss fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-vettura Ford Transit numru EBB-751, u tikkonfermaha fejn cahdet il-bqija tat-talbiet tal-istess rikorrent, u b'hekk tghaddi biex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent Aldo Saliba.

L-ispejjez kollha tal-kawza u ghalhekk anke ta' dan l-appell jithallsu mir-rikorrent appellat Aldo Saliba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------